# Q O R T I Ċ I V I L I
## (Sezzjoni tal-Familja)

## ONOR. IMĦALLEF
## ROBERT G. MANGION

**Illum 10 ta' Lulju 2018**

Rikors Nru. 257 / 17 / 1RGM

Kawża fil-lista: 22

**A *sive* E X R**
**vs**
**Y R**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors pprezentat mill-konvenut li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi huwa qed jaghmel din it-talba sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu stante li skont hu, huwa ghandu gusta kawza.

2. Illi li gara f'dan il-kaz huwa dan:

i. Li huwa ma jirrisjedix San Pawl il-Bahar fejn gie notifikat izda H'Attard u jmur fil-flat ta' San Pawl il-Bahar sporadikament u thalliet ma' persuna barranija lanqas ma' membru tal-familja u ghalhekk ai termini tal-artikolu 187 tal-Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta tali notifika ma saritx fir-residenza tieghu kif titlob il-ligi.

ii. Li gara mill-atti jirrizulta li l-atti thallew ma' Lilian Mallia li fl-4 ta' Jannar 2018 kienet qed tuza dan l-appartament ghal ftit zmien sakemm jitbattal il-post taghha li kien mikri.

iii. Lilian Mallia hija ta' nazzjonalita' barranija li kienet mizzewga Malti u la taqra u lanqas tifhem bil-Malti u meta cemplitlu qabel telqet mill-appartament qaltlu biss li ghandu l-posta.

iv. Li meta huwa fil-bidu ta' Frar mar biex jiccekja hallietx kollox sew huwa sab l-atti tal-kawza.

v. Li f'din il-kawza huwa kien ghadu jittama li jintlahaq ftehim stante li primarjament il-partijiet ma qablux dwar stimi ta' immobbli u ta' benefikati tant li kien qed jistenna lil martu tissugerixxi perit sabiex jaqblu fuqu u joqghodu fuq ir-rapport tieghu.

Li mill-premess jirrizulta car li tali impedimenti huwa indipendenti mill-volonta' tar-rikorrenti, li ghandu kawza gusta, li ma kinitx volontarja u lanqas kolpuza u li ma kellu ebda hsieb li jiddisprezza lil din l-Onorabbli Qorti.

3. Li inoltre hemm medjazzjoni miftuha fl-ismijiet inversi (ittra numru 1568/17GG) Dok A u li issa huwa talab lil medjatur Godwin Genovese biex jaghlaq biex ikun jista' jintavola l-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti jitlob bir-rispett sabiex din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' t-talba tieghu u tipprefiggilu zmien biex jipprezenta r-risposta guramentata tieghu.

Rat ir-risposta ta' A X R tal-20 ta' Frar 2018 fejn qed topponi ghar-rikors imsemmi ghar-ragunijiet hemm moghtija.

Semghat ix-xhieda tal-partijiet u tal-Marixxal Saviour Falzon.

Ezaminat il-provi dokumentarji prezentati.

Rat l-atti.

Ikkunsidrat.

**Ligi u Gurisprudenza.**

**Artikolu 156 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta** jipprovdi illi**:-**

(1) Ir-rikors ġuramentat għandu jitlesta mill-attur u għandu jkun fih -
(*a*) dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża f'paragrafi numerati separatament, sabiex isaħħaħ it-talba tiegħu u jiddikjara wkoll liema fatti huwa jaf bihom personalment;
(*b*) ir-raġuni tat-talba;
(*ċ*) it-talba jew it-talbiet li għandhom ikunu enumerati; u

(*d*) f'kull rikors ġuramentat għandu jkun hemm stampat b'ittri ċari u preċiżi taħt l-intestatura tal-Qorti dan il-kliem li ġej:
"Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skont il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża."

**Artikolu 158 (10) tal-Kap 12** tal-Ligijiet ta' Malta:-

" (10) Jekk il-konvenut jonqos li jippreżenta r-risposta ġuramentata msemmija f'dan l-artikolu, il-qorti tiddeċiedi l-kawża bħallikieku l-konvenut baqa' kontumaċi kemm-il darba ma jippruvax għas-sodisfazzjon tal-qorti raġuni tajba li għaliha naqas li jippreżenta r-risposta ġuramentata fiż-żmien li jmiss. Il-qorti għandha, madankollu, qabel ma tagħti s-sentenza, tagħti lill-konvenut żmien qasir li ma jistax jiġġedded biex fih jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talba tal-attur. Dawk is-sottomissjonijiet għandhom jiġu notifikati lill-attur li jkollu żmien qasir biex jirrispondi."

Id-decizjoni l-aktar iccitata f'materja ta' kontumajca hija dik fl-ismijiet **Vittoria Cassar vs Carmelo Vassallo** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fid-29 ta' Mejju 1937 (Vol XXIX.i.1581) mill-Imhallef William Harding fejn fiha gew elenkati l-principji li gejjin rigwardanti l-kontumacja:-

(1) Il-kontumacja ma tistax tigi ritenuta gustifikata jekk kienet volontarja;
(2) Lanqas tista' tigi gustifikata jekk kienet almenu kolpuza;
(3) Biex ikun hemm lok ghall-gustifikazzjoni hemm bzonn li tigi pruvata kawza gusta;
(4) Din il-kawza gusta ghandha tkun tikkonsisti f'impediment legittimu;
(5) L-impediment, biex ikun legittimu, ghandu jkun indipendenti mill-volonta` tal-kontumaci;
(6) L-izball m'hux impediment legittimu jekk ma jkunx zball invincibbli, ghaliex jekk ikun vincibbli, allura jigi ekwiparat ghall-kolpa;
(7) Dan l-impediment legittimu jista' jkun, kif intqal, "una necessita' impellente di chiamata ad altri doveri imprescindibili";
(8) L-impossiblita' li wiehed jidher ghas-subizzjoni jew almenu d-diffikulta` gravi, biex tista' tikkostitwixxi impediment legittimu ghandha tkun fizika, u eccezzjonalment biss tista' tkun morali.

**Noel Calleja et vs Middlesea Valletta Life Assurance Co. Ltd** – Qorti ta' l-Appell 28 ta' Jannar 2005:-

"L-istitut tal-kontumacja minn dejjem kien suggett ta' kontroversja. Dan hu hekk minhabba l-fatt li l-effetti tieghu – ta' natura punittiva – huma odjuzi. L-istitut tal-kontumacja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imharrek, bin-nuqqas tieghu li jwiegeb ghax-xilja u t-talba tal-parti attrici, ikun wera dispett lejn is-sejha tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-ligi thares lejh bhala ghemil li jisthoqqlu piena – dik li ma jkunx jista' jindahal fit-tressiq ta' provi billi dan jammonta ghal forma ta' dizordni socjali……………… Dik il-prezenza ta' l-imharrek – fatt fih innifsu pozittiv – hija invece mehtiega bhala parti mill-indagni li tkun trid issir mill-Qorti biex tistabilixxi jekk kienx hemm tassew "kawza gusta" jew le. Dan hu hekk ghar-raguni li l-gustifikazzjoni ta' kontumacja ghandha tibqa' titqies bhala eccezzjoni ghar-regola li l-imharrek hu tenut li jwiegeb bil-miktub b'nota fiz-zmien stipulat fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedurali Civili, u bhala tali l-eccezzjoni m'ghandha qatt tipprevali u tissupera dik li hija r-regola." [Ara wkoll. **Vella pro et nomine v. Vella**, Appell Kummercjali, 21 ta' Mejju 1993, (Koll. Vol. LXXVII – II – 170); **Paul Grixti vs Direttur tax-Xogholijiet Pubblici**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Civili fit-12 ta' Dicembru 1975, **Margaret Bugeja et vs Alfred Ellul** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-13 ta' Jannar, 1999). "**Samchrome Fze vs Koncar Danko Et**" moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Marzu 2016.]

Ikkonsidrat;

Il-konvenut isostni illi ir-raguni ghaliex ma pprezentax risposta guramentata fit-terminu hija peress li l-atti gew notifikati f'indirizz gewwa San Pawl il-Bahar mentri jsostni li huwa ma jirrisjediex f'dak l-indirizz izda f'indirizz gewwa H'Attard. Jghid illi ghalkemm l-atti thallew fl-indirizz gewwa San Pawl il-Bahar ma' persuna bl-isem Lilian Mallia, tali persuna hija ta' nazzjonalita' barranija li ma tifhimx bil-Malti u li kienet f'dak l-indirizz b'mod temporanju. Jallega illi kien biss fil-bidu ta' Frar 2018 meta mar sabviex jiccekja f'liema stat kien il-post wara li skond il-konvenut Lilian Mallia kienet harget minnu li huwa sab l-atti tal-Qorti lilu indirizzati.

Ezaminati l-atti, b'mod partikolari it-testimonjanza tal-partijiet il-Qorti ssib illi l-konvenut kien ekonomiku mal-verita' meta fir-rikors tal-20 ta' Frar 2018 ta l-impressjoni illi l-fond f'San Pawl il-Bahar kien okkupat minn Lilian Mallia ad eskluzzjoni tieghu.

Jirrizulta sew mix-xhieda li tat l-attrici A X R kif ukoll mill-provi dokumentarji minnha prezentati illi Y R ghandu r-residenza tieghu l-indirizz gewwa San Pawl il-Bahar fejn gew konsenjati mill-Marixxall l-atti tal-Qorti. Rilevanti hafna x-xhieda li ta l-Marixxal Saviour Falzon fl-udjenza tad-19 ta' April 2018:-

"Nirreferi ghal fol 64, fejn hemm ir-riferta l-4 ta' Jannar. F'dan il-post mort diversi drabi. Gieli fethu u gieli ma fethux. Fil-fatt ninnotifika lil Mr Y R, Saint

Paul’s Bay u ma’ min thalli riferta tistaqsi l-isem ta’ dak li jkun, min hu, l-occupation biex tnizzel l-affarijiet kif suppost. Halli turi lill-Qorti x’kienu l-affarijiet. Fil-fatt jien meta mort b’dan l-att hallejtu f’idejn Lilian Mallia u staqsejtha x’inhi, ghax hemm min jghidlek il-maid jew hekk u qaltli li hi l-partner. U nizilt dak kollu li qaltli din is-Sinjura. Ghedtilha meta jigi Mr R ghaddilu dan l-att. Tajtha kollox u mbaghad meta gejt il-Qorti nizilt x’hallejtilha rikors, avviz, digriet bid-dokumenti. U ghamilt ir-riferta u ghaddejtha kif suppost."

" Dr Emmy Bezzina: Imma din qatt qaltlek li hu ma jigix l’hemm jew li jigi rari?

Xhud: No ma qaltlix. No, no ma qaltlix li ma joqghodx hawn maghha. Hi tatni nifhem li joqghod hemm hekk maghha. Li hi d-dar tieghu. Li hi qieghda fir-residenza tieghu, tal-partner."

Huwa evidenti ghall-Qorti illi Y R ma xhedx il-verita' meta qal illi dam ix-xhur ma jersaq lejn il-fond f'San Pawl il-Bahar. Ghall-kuntrarju l-provi juru illi Mallia hija l-partner tieghu li maghha jirrisjedi. Ghalhekk jirrizulta illi l-atti gudizzjarji gew notifikati f'indirizz fejn kien qed jirrisjedi l-konvenut u ma tresqet l-ebda raguni valida ghaliex ma prezentax risposta guramentata fit-terminu legali. Il-fatt li l-partner tieghu hi barranija ma kienx ta' impediment sabiex tghaddilu l-atti tal-Qorti lilu indirizzati stante li l-Marixxal spjega lil Mallia b'lingwa li hi tifhem.

Ghaldaqstant il-Qorti qed tiddeciedi illi l-konvenut ma rnexxielux jiggustifika l-kontumacja tieghu u konsegwentement ser tichad ir-rikors bl-ispejjez kontra tieghu.

**Decide.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti filwaqt li tilqa' l-objezzjoni imressqa minn A X R, tichad ir-rikors ta' Y R tat-8 ta' Frar 2018.

Bl-ispejjez relatati ma’ din is-sentenza in parte kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**